# DEĊIŻJONIJIET TAL-QRATI SUPERJURI TA' MALTA

## L-EWWEL PARTI — QORTI TA' L-APPELL

## L-EWWEL SEZZJONI — AWLA ĊIVILI

**8 ta' Jannar, 1960**

**Is-S.T.O. Prof. A. J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Fenech et.

*versus*

Carmelo Bezzina

**Serviġi — Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Rinunzja — Testment — Art. 2261(f) tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-azzjoni għall-ħlas ta' kumpens għal serviġi hija suġġetta għall-preskrizzjoni ta' ħames snin.*

*Għaldaqstant, l-azzjoni ta' min jippresta serviġi lil persuna li mbgħad mietet, biex jitħallas tas-serviġi minnu reżi lil dik il-persuna, avvolja dik il-persuna tkun ħallietlu legat rimuneratorju fit-testment tagħha bi ħlas u kumpens ta' dawk is-serviġi, hija preskrivibbli f'ħames snin; għax dik mhix azzjoni "ex testamento", f'liema każ kien kollha l-preskrizzjoni tagħha proprja, imma hija sempliċi "actio crediti"; għax ir-rapport ġuridiku ta' debitu u kreditu nħoloq bil-prestazzjoni tal-allegati serviġi, u l-azzjoni hi bażata fuq dak ir-rapport, u mhux fuq it-testment.*

*Id-dikjarazzjoni tat-testatur fit-testment tiegħu, fis-sens li hu jħalli l-legat rimuneratorju bi ħlas u kumpens tas-serviġi,*

*tammonta għal rikonoxximent interruttiv tal-preskrizzjoni li tkun miexja, jew, skond il-każ, għal rinunzja għall-preskrizzjoni ġa kompjuta; u tibqa' operattiva "dietim" sakemm ma tiġix revokata.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, premess li huma rrendew serviġi għal żmien twil lil żijithom Nicolina Fenech, li tagħha huwa eredi l-konvenut; premess li l-konvenut naqas li jiġi għall-likwidazzjoni bonarja ta' dawn is-serviġi, non ostante li ġie nterpellat għal dan il-fini; premessa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u meħud kull provvediment opportun; talbu li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-atturi dik is-somma li tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti bħala kumpens għas-serviġi li huma rrendew lil Nicolina Fenech għal ħafna snin; bl-imgħax legali. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Settembru 1958;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' April 1959, li biha ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u ordnat li l-kawża titkompla fil-meritu; wara li kkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Irriżulta li l-atturi għamlu żmien jorqdu ma' żijithom Nicolina Fenech u jagħmlulha xi faċendi, billi kienet weħedha u avvanzata fl-età, u baqgħu sa tmien snin qabel ma mietet fiż-17 ta' April 1956;

B'testment publiku tat-2 ta' Marzu 1949 (dok. A) Nicolina Fenech innominat eredi lill-konvenut, u fir-raba' artikolu tat-testment hija ħalliet lill-atturi bħala legat is-somma ta' £20 bejniethom, "bħala kumpens talli kienu jogqgħodu magħha", fil-waqt li ddikjarat illi "huma ma riedux aktar jipprestawlha ebda serviġi jew kura"; u ddikjarat ukoll illi huma kienu debituri lejha fis-somma ta' £25, valur ta' annimali u oġġetti oħra tar-raba'. Fis-sitt artikolu, mbgħad, hija ordnat illi, jekk tibqa' ħajja sa tliet snin minn dak inhar tat-testment, "meta tikkalkula li fdan

iż-żmien hija tkun ikkunsmat il-beni tagħha kollha", ir-raba' artikolu riferit, flimkien ma' ieħor mhux rilevanti għall-kwistjoni, "għandhom jibqgħu mingħajr effett u għalhekk jiġu kunsidrati daqs kieku qatt ma saru";

B'testment publiku ieħor tas-7 ta' Ottubru 1950 (dok. C) it-testatriċi mmodifikat it-testment preċedenti, billi ddikjarat illi l-£25 hemm imsemmija ma kienux dovuti lilha mill-atturi, imma minn missierhom, u billi ħalliet dan il kreditu bħala legat lill-atturi "bħala kumpens u ħlas talli kienu joqgħodu magħha";

*Il-konvenut sostna illi l-azzjoni bħala waħda għal* kumpens għal serviġi, hija kolpita mill-preskrizzjoni ta' ħames snin skond l-art. 2261(f) tal-Kodiċi Ċivili, in kwantu dik l-azzjoni ġiet sperimentata wara li l-preskrizzjoni kienet immaturat; u sostna wkoll li t-testatriċi ma rrikonox-xietx id-debitu tagħha, ma rrinunzjatx għall-preskrizzjoni, u illi, jekk qatt kien hemm rinunzja, din ma għandhiex ikollha effett billi t-testatriċi mietet wara t-tliet snin kif kontemplat fl-art. 6 tal-ewwel testment;

*Fit-termini tal-art. 2261(f) tal-Kodiċi Ċivili, l-azzjoni* għall-kumpens ta' serviġi, meta l-kreditu ma jirriżultax minn att publiku, hija preskrivibbli f'ħames snin ("Debono vs. Portelli', Kollez. XXXVIII-I-207); u peress illi l-atturi rrendew il-prestazzjonijiet tagħhom sa tmien snin qabel il-mewt ta' Nicolina Fenech, ċjoè qabel iż-17 ta' April 1956 l-azzjoni relattiva għall-kumpens kienet preskritta *minn* qabel ma sar l-ewwel testment fit-2 ta' Marzu 1949;

Però, bil-legat rimuneratorju li t-testatriċi ħalliet favur l-atturi bl-ewwel testment, "bħala kumpens talli kienu joqgħodu magħha", hija kkonfermat l-obligazzjoni tagħha għas-serviġi reżi lilha mill-atturi, u hekk hija rrinunzjat, għaliha u għall-eredi tagħha, għall-preskrizzjoni diġà kompita. Ir-rikonoxximent ta' dik l-obligazzjoni, bħala att unilaterali perfett fl-eżistenza tiegħu, ma ġiex derogat bil-kondizzjoni apposta mit-testatriċi fl-imsemmi art. 6 tat-testment. Jekk dik il-kondizzjoni setgħet idderogat għall-istituzzjoni tal-legat, ma setgħetx tidderoga

għall-konfessjoni tad-debitu, li jew ġie rikonoxxut, jew ma ġiex u ma setgħax jiġi rikonoxxut biss għall-eventwalità li t-testatriċi tmut qabel tliet snin mid-data tat-testment. Dak ir-rikonoxximent jikkostitwixxi kondotta inkompatibbli mal-preservazzjoni tad-dritt għall-oppożizzjoni tal-preskrizzjoni, u hekk jimplika rinunzja għaliha;

Inoltre, kieku "per ipotesi" kellu jiġi ritenut li ma kienx hemm rinunzja għall-preskrizzjoni bl-ewwel testment, kien ikun hemm din ir-rinunzja bit-tieni testment. Infatti, hawnhekk it-testatriċi, inkondizzjonatament, istitwiet legat rimuneratorju favur l-atturi tal-kreditu tagħha ta' £25 kontra missierhom, "bħala kumpens u ħlas talli kienu joqgħodu magħha";

L-azzjoni preżenti ġiet eżerċitata fit-3 ta' Novembru 1958, preċeduta minn interpellazzjoni uffiċjali għall-pagament fid-9 ta' Settembru 1958. In kwantu għall-perijodu ta' ħames snin relattivament għall-preskrizzjoni kif opposta, l-atturi kkontendew illi huma ma setgħux jaġixxu qabel il-mewt tat-testatriċi, billi kien allura li setgħu jafu bir-rinunzja għal dik il-preskrizzjoni. Iżda, anteċedentement għall-kwistjoni prospettata mill-atturi, jekk ċjoè tiswiex għall-każ ir-regola, ta' applikazzjoni strettissima in vista tal-karattru obbjettiv tal-istitut tal-preskrizzjoni "contra non valentem agere non currit praescriptio", hemm il-kwistjoni jekk baqgħetx applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali in segwitu għar-rinunzja magħmula mit-testatriċi;

L-art. 2261(f) riferit jikkontempla l-preskrizzjoni kwinkwennali għall-azzjonijiet għall-ħlas ta' krediti għal kawżi mhux preċedentement speċifikati fil-liġi, meta, però, il-kreditu ma jkunx jirriżulta minn att publiku; meta l-kreditu jkun aċċertat b'att publiku, jispiċċaw il-motivi ta' indoli prattika a bażi tal-preskrizzjoni brevi, u tipprevali l-preskrizzjoni estintiva "longi temporis", ta' tletin sena;

Hekk, bir-rikonoxximent mit-testatriċi tal-obligazzjoni tagħha versu l-atturi permezz tat-testmenti riferiti bħala atti publiċi, il-kreditu relattiv tal-atturi, purgat minn eċċez-

zjoni li setgħet tipparalizzah, ma baqgħax, fil-forma li assuma, soġġett għall-preskrizzjoni kwinkwennali, imma għal dik ta' tletin sena; liema preskrizzjoni għada ma mmaturatx;

Rat fol. 32 in-nota tal-appell tal-konvenut, u fol. 33 il-petizzjoni, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li minflok jiġi deċiż għall-akkoljiment tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u b'hekk jiġu miċħuda t-talbiet tal-atturi; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Il-kreditu reklamat ma hux, bir-rispett kollu għal dak li in kuntrarju rriteniet l-Ewwel Qorti, suġġett għall-preskrizzjoni triġenarja minħabba d-dikjarazzjoni li hemm fit-testment ta' Nicolina Fenech; għaliex l-azzjoni esperita mill-atturi ma hix "ex testamento" (f'liema każ kien ikollha l-preskrizzjoni proprja għaliha), imma hija sempliċi "actio crediti" (Vol. XXV-II-407-408), bażata fuq il-prinċipju, tradizzjonalment akkolt mill-Qrati Maltin minn aktar minn mitt sena l-hawn (ara P.A. 'Cutajar vs. Falzon', 2 ta' Jannar 1843), illi jista' jkun dovut, fiċ-ċirkustanzi kongruwi, kumpens anki jekk mhux pattwit, in bażi għall-aforisma "omnis labor optat praemium". Ir-rapport ġuridiku ta' debitu u kreditu (salv il-meritu) inħoloq bil-prestazzjoni tal-allegati serviġi, u l-kawża hi mpernjata fuq dak ir-rapport, u mhux fuq it-testment;

Il-preskrizzjoni applikabbli hi għalhekk dik ta' ħames snin (Vol. IX, p. 648; Vol. XIII, 432; Vol. XXIV-1-3);

Ikkunsidrat;

Apparti kull interpretazzjoni li tista' tingħata lir-raba' artikolu tal-ewwel testment fol. 7, fid-dawl tas-sitt artikolu fol. 7 tergo, hu ċert li fit-tieni testment, fol. 9, tergo, Nicolina Fenech ħalliet lill-atturi somma "bħala kumpens u ħlas talli kienu joqgħodu magħha", bla ebda riżerva jew

kwalifika. Dik id-dikjarazzjoni tagħha tammonta għal rikonoxximent interruttiv tal-preskrizzjoni in korso, jew, skond il-każ, għal rinunzja għal dik ġa kompita (Vol. XXXV-II-408; ibidem 484; XXXVIII-I-207), u tibqa' "dietim" operattiva "ut sic" sakemm ma tkunx revokata;

Ma hux ta' rilevanza li s-somma li biha Fenech stmat il-valur tas-serviġi ma hix neċessarjament dik li biha jistmaw is-serviġi allegati tagħhom l-atturi; għaliex l-importanza tad-dikjarazzjoni li hemm fit-testment qegħda fil-portata u fl-implikazzjoni konfessorja tagħha għar-rigward tal-eċċepita preskrizzjoni. Infatti, ir-rikonoxximent interruttiv jew ir-rinunzja sa anki jistgħu jkunu "illikwidi", kif jesprimi ruħu l-Giorgi (ara App. Inf. "Camilleri vs. Mangion", 1 ta' Ottubru 1927, Vol. XXVI 3za. sez., p. 441; u ara wkoll Vol. XXXIV-III-743);

Ikkunsidrat;

Issa, għall-finijiet ta' din il-kwistjoni preliminari, jingħad li l-atturi jippretendu li huma rrendew serviġi lil Fenech sa tmien snin qabel ma mietet (fol. 20 tergo). Hi mietet fiż-17 ta' April 1956 (fol. 5); u għalhekk l-allegati serviġi suppost baqgħu jiġu reżi sa April tal-1948. Id-dikjarazzjoni saret fit-testment tal-1950 (fol. 9). Is-serviġi ma jirriżultawx, fl-istat tal-attijiet, meta bdew; fiċ-ċitazzjoni jingħad "għal żmien twil"; fid-dikjarazzjoni fol. 3 jingħad "għal ħafna żmien"; l-attriċi Emmanuela Sammut, li għandha wieħed u erbgħajn sena, qalet li bdiet isservi lil Fenech minn mindu kellha tmien snin. Għalhekk, is-serviġi suppost (salv il-meritu) li kienu prestati minn xi żmien twil indefinit sa April tal-1948. Mela jiġi li, meta saret id-dikjarazzjoni fit-testment tal-1950, kien hemm serviġi li għalihom il-preskrizzjoni kienet għadha miexja u oħrajn li għalihom kienet kompjuta;

Sew fil-każ wieħed kemm fl-ieħor, id-dikjarazzjoni kontenuta fit-testment ipparalizzat l-eċċezzjoni, jew bħala interruzzjoni jew bħala rinunzja. Jingħad li kien hemm serviġi li għalihom il-preskrizzjoni kienet għadha miexja, għaliex dik id-dikjarazzjoni testamentarja, peress li ma

ġietx revokata, baqgħet topera "dietim" sal-mewt tat-testatriċi (17 ta' April 1956), u minn dak inhar sal-jum taċ-ċitazzjoni, jew tal-ittra uffiċjali, ma għaddewx ħames snin;

Għal dawn ir-raġunijiet, u fis-sens premess;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra tiegħu.